***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sebgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 5 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Il-Minuti tal-mitejn u ħamsa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.2 Il-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-mitejn u ħamsa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.3 Il-Minuti tal-mitejn u sitta u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

Fil-5.35pm Dr. P. Mifsud Bonnici daħlet għal-laqgħa.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel *site visit* fis-suq flimkien mal-Perit tal-Kuntrattur. Il-Perit tal-Kuntrattur spjegatlu li x-xogħlijiet ta' *finishings* fil-*car park* setgħu bdew. Hija spegat li huwa ppjanat li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jitlestew sa l-aħħar ta' Ġunju 2010. Ġie deċiż li nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 ssir laqgħa mal-Perit u *Contracts Manager* tal-Kunsill dwar id-dokument tat-Tender.

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand s-Sur Max Farrugia fejn ippreżenta stimi tal-ħsarat tal-madum, kif ukoll ittri mingħand is-Sur Goodlip u s-Sur Falzon dwar il-ħsarat li l-propjeta` tagħhom ġarbet waqt it-tħaffir tas-sit tas-suq. Ġie deċiż li l-Kunsill jikseb il-parir tal-Avukat dwar il-possibilta` li nħallsu direttament lill-terzi persuni li ġarbu ħsarat mill-flus dovuti lill-Kuntrattur għax-xogħlijiet ta' tħaffir. Sadanitant il-Kunsill iddeċieda li ma jsir l-ebda pagament lill-Kuntrattur sakemm il-Kunsill ikun sodisfatt li r-residenti li ġarbu ħsarat ikunu laħqu ftehim mal-kuntrattur dwar it-tiswijiet neċessarji.

*4.2 Ġemellaġġ ma' Carpineto Romano*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem lis-Sur Omar Bugeja dwar il-proġett ma' Carpineto Romano. Is-Sur Omar Bugeja spjegalu li l-applikazzjoni tal-proġett ser tiġi sottomessa f'Ġunju 2010.

Fis-6.00pm s-Sinjura J. Bugeja daħlet għal-laqgħa.

*4.3 Triq Lord Byron*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser isir iż-żebgħa mill-ġdid tal-parking bays fi Triq Lord Byron. Dawn ser jinżebgħu 1.8m minflok 2.0m wisa'.

*4.4 Żjara tal-Papa*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Gvern għamel xogħol estensiv ta' *resurfacing* fi Triq il-Kbira San Ġużepp għaż-żjara tal-Papa.

*4.5 ATM*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-APS Bank ma kienux interessati jpoġġu ATM ħdejn l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Banif Bank biex naraw jekk riedux ipoġġu ATM ħdejn l-Uffiċċju Amministrattiv ġdid tal-Kunsill.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-30 ta' Marzu u l-5 ta' Mejju 2010.

*5.1 Kontravenzjoni 110-09186-3*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu dwar kontravenzjoni li nħarġet lill-Kuntrattur li kien ipparkjat fil-*parking* riservata għall-Kuntrattur li qed jaħdem fuq il-kopla tal-Knisja. Huwa talab sabiex il-Kunsill jikkonsidra jikkanċella din il-kontravenzjoni. Gie deciz li tintbaghat ittra lill-Ufficjal Awtorizzat f'dan ir-rigward.

*5.2 Environmental Landscapes Consortium Ltd - Planting Scheme*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ELC qed tħejji *Planting Scheme* għar-*roundabout* li hemm fi Triq Schembri u Triq il-Ferrovija.

*5.3 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Public Private Partnership*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li tlestew *Specific Conditions* għal sejħiet tal-offerti li jistgħu joħorġu Kunsilli Lokali għal xogħol ta' *resurfacing* taħt il-kunċett ta' *Public Private Partnership*. Dan il-kuntratt jipprovdi għal ħlas fuq numru ta' snin kif ukoll li l-Kuntrattur jintalab li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq it-toroq għal tmien snin.

*5.4 Dun Anton Portelli – Kunċert fi Triq Schembri*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Anton Portelli għan-nom tal-Ħamrun Spartans Complex plc fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jiġi organizzat kunċert fi Triq Schembri fis-16 ta' Lulju 2010. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' Dun Portelli biex tiġi diskussa l-attivita`.

*5.5 Qorti tal-Maġistrati – Pedestrian Crossing fi Triq Qormi*

Il-Kunsill irċieva komunikat mill-Qorti tal-Maġistrati fejn irrakomandat li l-*Pedestrian Crossing* fi Triq Qormi kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp titmexxa xi ftit metri 'l fuq ġewwa fi Triq Qormi. Ġie deċiż li din ir-rakomandazzjoni tintbagħat lit-Transport Malta għal konsiderazzjoni.

*5.6 Dipartiment għall-Gvern Lokali – WIFI Access Points*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli Lokali biex jidentifikaw spezzju pubbika fil-lokal li jkun frekwentat sew bħal pjazza jew ġnien pubblika sabiex jiġi provdut servizz ta' WIFI mill-Gvern Ċentrali mingħajr ħlas għal perjodu ta' 24 xahar. Il-Kunsill identifika Pjazza San Pawl bħala pjazza frekwentata ħafna fil-Ħamrun.

*5.7 Dipartiment għall-Gvern Lokali – MEUSAC*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li f'każ li jużaw servizzi tal-MUESAC ser ikollhom iħallsu depożitu qabel ma' jibda l-process tal-mili tal-applikazzjoni. L-ammont sħiħ tad-depożitu jingħata lura jekk il-Kunsill jirrispetta l-obligazzjonijiet tiegħu marbutin taħt il-ftehim li jrid jiġi ffirmat mal-MUESAC.

*5.8 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Konkors tal-Poeżiji*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn talbu lill-Kunsill biex jirriklama konkors tal-Poeżiji għat-tfal li qed jorganizzaw. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-konkors ġie riklamat fuq il-*website* tal-Kunsill.

*5.9 Sur Carmel Micallef – Motor Cycle Bay*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Micallef fejn talab biex isir *Motor Cycle Bay* fi Triq il-Vitorja. Ġie deċiż li l-ittra tintbagħat lill-*Transport Malta* għall-konsiderazzjoni.

*5.10 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Korsijiet Lifelong Learning*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser iniedi skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet Lifelong Learning. Ser issir laqgħa f'dan ir-rigward għall-Kunsilli Lokali interessati.

*5.11 Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ – Skema Xogħol fil-Komunita`*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskema Xogħol fil-Komunita` ġiet estiża għal sitt xhur oħra u għalhekk is-Sur Jesmond Camilleri ser jibqa' assenjat mal-Kunsill sat-8 t'Ottubru 2010.

*5.12 Transport Malta – Enforcement action*

Il-Kunsill ġie nfurmat minn *Transport Malta* li issa li tneħħew il-ħadid ser tiġi revokata l-*enforcement*.

*5.13 Sinjura L. Pace – Mexico Garage*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Pace fejn talbet li jinħarġu 4 *Special Parking Permits* biex jintużaw fil-Ħamrun minnha u minn tlett uliedha. Is-Sindku spjega li ser ikellem lis-Sinjura Pace biex jispjegalha l-proċedura biex wieħed jikseb *parking permit*.

*5.14 Sur Charlie Zahra – Aċċess għall-garaxx*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Zahra sabiex jirranġa l-bankina quddiem garaxx ġdid li għandu fi Triq Maitland. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.15 Kap ta' Skola Primarja Dun Gorg Preca – Għajnuna mill-Kunsill*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Kap tal-Iskola Primarja Dun Gorg Preca fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jinxtraw kotba għal Jum il-Premjazzjoni, T-Shirts għal kor ta' l-Iskola, kotba għal *Kinder*, *Track Suit* għat-tim tal-football u tagħmir għall-*gym*. Huwa spjega li l-iskola lesta tiftaħ filgħaxija għall-komunita u lest joffri servizz ta' l-ima li jinsab f'ġibjun taħt l-iskola.

Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Kap ta' l-Iskola li bl-emendi li saru fl-Att tal-Kunsill Lokali, kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux fi flus minn xi Kunsill Lokali hi projbita`.

*5.16 Lotto Receivers Union – Banka tal-Lotto fi Triq id-Duka ta' Edinburgh*

Il-Kunsill irċieva ittra mil-*Lotto Receivers Union* fejn talbu biex il-Banka tal-Lotto li hemm fi Triq id-Duka ta' Edinburgh tkun trasferita fl-inħawi tal-post il-ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Union li mhux possibbli li l-Banka tiġi trasferita fis-sit tas-suq għaliex id-devoluzzjoni tas-sit u l-permess tal-MEPA huma biss għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*5.17 Dr Luciano Busuttil LL.D, M.P – Żvilupp fi Triq Willie Attard*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. Busuttil għan-nom tar-residenti ta' Triq Willie Attard, Triq Ġuże Bajada u Triq Atocia rigward żvilupp PA 5971/09. Il-Kunsill intalab jintervjeni minħabba li ser issir żvilupp fuq art pubblika li suppost kellha tiġi żviluppata fi *playing field*. Il-Kunsill ivverifika li s-sit mhux *green area* u għalhekk tista' tiġi żviluppata. Għaldaqstant il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jressaq ilmenti mal-MEPA għal dan l-iżvilupp.

*5.18 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Xiri ta' Kotba*

Il-Kunsill ingħata €230.00 f'vawċers mingħand il-Merlin Library mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jissarrfu f'kotba ppubblikati minn pubblikaturi Maltin biss. Id-Dipartiment qed jikkommetti ukoll li jagħti €230.00 biex jintefqu f'kotba oħra għal-librerija tal-Kunsill. Il-flus jingħataw wara li l-Kunsill jippreżenta l-irċevuti neċessarji bi prova ċara ta' dan ix-xiri.

*5.19 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kuntratt ta' Direttur*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt tas-Sur Natalino Attard bħala Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma ġiex imġedded.

*5.20 Sur Michael Briffa – Talba għal U-Shaped Bollards*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Briffa fejn talab biex terġa' titwaħħal *U-shaped Bollard* li tneħħiet minn quddiem ir-residenza tiegħu 84, Triq Villambrosa, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat ittra lill-*Transport Malta* għal-konsiderazzjoni. Kopja ta' l-ittra għandha tintbagħat lis-Sur Briffa.

*5.21 Sur Paul Sultana – U-shaped Bollard*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li s-Sur Sultana bagħat lill-*Transport Malta* biex terġa titwaħħal *U-shaped bollard* li kien hemm quddiem id-dar tiegħu 62, Triq San Tumas, Ħamrun.

*5.22 Transport Malta – U-Bars fi Triq Villambrosa*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand *Transport Malta* fejn talbet biex jerġgħu jitwaħħlu żewġ *barriers* tal-ħadid li *Transport Malta* talbet lill-Kunsill biex ineħħi fi Triq Villambrosa minħabba li hemm permess maħruġ mill-MEPA għall-istess *barriers*. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-*Transport Malta* biex twaħħal hi l-ħadid li l-Kunsill kien imġiegħel ineħħi minħabba l-*enforcement*.

*5.23 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Konferenza Lifelong Learning Programme*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu konferenza dwar il-programm tal-*Lifelong Learning* li ser issir fid-19 ta' Mejju 2010.

*5.24 Sur Josef Spiteri – Suġġeriment*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Josef Spiteri fejn isuġġerixxa li l-Kunsill jibda jiffinanzja attivitajiet li jieħdu sehem fihom it-tlett għaqdiet mużikali bħalma jiġri f'Ħal Qormi. Is-Sur M. Caruana spjega li l-attivitajiet f'Ħal Qormi jiġu organizzati u ffinanzjati mill-Għaqdiet stess li jistiednu lill-Kunsill biex jissieħbu magħhom. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Sur Spiteri sabiex jigi nfurmat f'dan ir-rigward.

*5.25 Malta Institute of Computer Sciences – Korsijiet tal-Kompjuter*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jerġa' jorganizza korsijiet tal-kompjuter fil-Ħamrun bħalma sar is-sena l-oħra. Il-Kunsill ikun jeħtieġ iħallas €1,100 għal parteċipazzjoni ta' 150 student. Il-Kunsill approva li jerġgħu jsiru l-korsijiet tal-kompjuter mal-Kumpanija MICS.

*5.26 Tribunal Lokali Qormi – Janese Camilleri*

Il-Kunsill irċieva komunikat mit-Tribunal Lokali Qormi fejn ordna li ma jkunx hemm piena addizjonali ta' €11.65 mal-emenda lis-Sinjura Janese Camilleri u l-imputata tingħata sena żmien biex tħallas il-multa ta' €232.94.

*5.27 Transport Malta – Communal Blue Sticker Badge Holder fi Triq il-Kunċizzjoni*

Il-Kunsill ġie nfurmat li t-*Transport Malta* qed tikkunsidra li jsir *Communal Blue Sticker Badge Holder Only Parking Bay* fi Triq il-Kunċizzjoni. *Transport Malta* talbet il-kummenti tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-*Transport Malta* li ma jidhirlux li hemm ħtieġa ta' *Reserved Parking Bay* f'din it-triq.

*5.28 Transport Malta – Communal Blue Sticker Badge Holder fi Triq il-Kappillan Mifsud*

*Transport Malta* approvat li ssir *Communal Blue Sticker Badge Holder only Parking Bay* fi Triq il-Kappillan Mifsud fil-viċinanza tal-ħanut '*Chick King Take Away',* wara talba li saret mingħand is-Sinjura Dorothy Vella. Il-Kunsill approva li din il-*Bay* issir quddiem ir-residenza 'Iris', Triq il-Kappillan Mifsud.

*5.29 Transport Malta – Communal Blue Sticker Holder fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

*Transport Malta* approvat li jitpoġġew żewġ *Communal Blue Sticker Holders only Parking Bays* fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Waħda fil-viċinanzi ta' '*Thomas Pharmacy'* u oħra fil-viċinanzi ta' '*Papillon Restaurant'*.

*5.30 Transport Malta – Communal Blue Sticker Holder fi Triq Adelaide Cini*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* qed tikkonsidra li jsir *Communal Blue Sticker Badge Holder only Parking Bay* fi Triq Adelaide Cini. *Transport Malta* talab il-kummenti

tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-*Transport Malta* li ma jidhirlux li hemm ħtieġa ta' *Reserved Parking Bay* f'din it-triq.

*5.31 Sur Mario Camilleri – Chocolate Festival*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand s-Sur Mario Camilleri fejn informa lill-Kunsill li s-Sur Andrew Farrugia ser ikun imsiefer fit-23 t'Ottubru u għalhekk talab biex iċ-*Chocolate Festival* issir is-Sibt ta' wara. Ġie deċiż li l-Kunsill jara x'attivitajiet oħra hemm f'Ottubru 2010 qabel issir talba biex tinbidel id-data.

*5.32 Grupp Armar Immakulata Kunċizzjoni – Tappieri u Gabbani*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Grupp Armar Festa Immakulata Kunċizzjoni fejn talbu biex il-Kunsill iħaffer żewġ tappieri u jipprovdi żewg għotjien tal-ħadid għall-armar ġdid li ser issir fi Triq il-Kappillan Mifsud. Il-Kunsill approva li jsir ix-xogħlijiet. Sadanitant għandha ssir laqgħa mal-Grupp Armar rigward gabbani tal-festa.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur Cedric Valletta ltaqgħu ma' Dr Chris Said fejn intalab jintervjeni biex jonqos il-ħlas għas-*surveys* li ser isiru mill-NSO għar-rapport dwar Żvilupp Sostennibli għall-Ħamrun. Wara intervent ta' Dr. Said, il-prezz naqas b'€920.40. Is-Sindku spjega li l-Profs Axiak ma riedx ħlas għas-servizz tiegħu filwaqt li s-Sur Alfred Grixti talab donazzjoni ta' kotba għal-Librerija tal-Kunsill u s-Sur George Said talab ħlas ta' €2,124.00 għas-servizzi tiegħu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jitlob laqgħa mal-Pulizija sabiex jibdew id-diskussjonijiet dwar il-Festa San Gejtanu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li avviċinah Dr. Mario De Marco fejn talbu biex il-Kunsill jikkonsidra jerġa' jorganizza l-Palio. Is-Sindku spjega li jekk ikollu għajnuna finanzjarja l-Kunsill ikun interessat jerġa' jorganizza l-attivita`.

*6.2 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-proġett għat-Tfassil ta' rapport dwar Żvilupp Sostennibli għall-Ħamrun jinsab fil-limiti tal-*budget* allokat. Huwa spjega li fil-jiem li ġejjin ser jibdew il-laqgħat mal-Għaqdiet u li sar grupp fuq *Facebook* biex jilqa' l-kummenti tal-pubbliku. Ġie spjegat ukoll li ser titqassam ittra lir-residenti. Sadanitant qed jintalbu stimi biex isir *field work* relatat mal-kwestjonarju għal ħwienet. Is-Sur C. Valletta spjega li jekk ser ikun hemm dewmien biex l-iskejjel jipprovdu informazzjoni, il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

- Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li jibdew il-laqgħat dwar il-*Christmas Shopping Festival.*

*6.3 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li attenda seminar organizzat mill-*Malta Communications Authority* fejn ġie ssuġġerit li WiFi jiġi estiż tul Triq il-Kbira San Ġużepp. Filfatt il-MCA qed tħeġġeġ ħwienet jingħaqdu biex jiprovdu servizz ta' WiFi. Is-Sur A. Ellul spjega ukoll li l-MCA qed tbiegħ refurbished *PC's* bi prezz baxx għal NGO's. Huwa qal li diġa beda jkellem l-NGO's dwar din l-offerta.

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li attenda Seminar organizzat mill-MUESAC fejn kien hemm kelliema Portugiża li tkellmet dwar proġetti.

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretaju Eżekuttiv attendew laqgħa mal-PPCD dwar il-proġett tal-*Lifelong Learning* fejn ġew identifikati xi aġġustamenti li jridu jsiru fl-applikazzjoni finali. Huwa fakkar lill-Kunsilliera li l-proġett kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' żewġ rappreżentanti tal-NGO's li hawn fil-Ħamrun li ser jingħataw taħriġ sabiex jippreżentaw l-istess għaqdiet fi *Brand* il-Ħamrun.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana fakkar lill-Kunsilliera li laqgħa ta' Tagħrif dwar is-Saħħa u Nutrizjon bil-parteċipazzjoni tal-Chemimart ser issir fl-Uffiċċju tal-Kunsill nhar is-Sibt 29 ta' Mejju fid-9.30am.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett qed jerġa' jiġi stampat. Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li huwa kien talab lill-Bord Elettorali biex tneħħi paġna minħabba li ġiet emendata. Is-Sur M. Carauna spjega li l-paġna ġiet adottata mill-Kunsill fis-sens li l-ilmenti u suġġerimenti kienu ser jitressqu għall-attenzjoni diretta tal-Kunsill minflok lill-Kunsillier. Huwa spjega li dan ma sar bl-ebda intenzjoni ħażina. Dr P. Mifsud Bonnici spjegat li l-Kunsill kien għamel proċedura dwar kif għandhom jiġu trattati l-artikli tal-Kunsilliera u insistiet li din il-proċedura għandha tibqa' tiġi osservata.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa ser issir ħarġa għal Jum l-Omm u 'l quddiem ser issir oħra għal Jum il-Missier.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li ser tmur issarraf il-vawċers tal-kotba li provda d-Dipartiment għall-Gvern Lokali mingħand *Merlin Libraries* wara li tikkonsulta mal-librara.

## 7. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-5 ta' Mejju 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 8. **Aġġornament**

Fit-8.30pm il-laqgħa ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni għal nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju fit-3.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

______________________

DATA